Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,371, 27 ta' Jannar, 2009
Taqsima B

A.L. 30 ta' l-2009

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 10 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 79 ta' l-2006.

Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "toroq prinċipali ta' santwarju ta' l-għasafar." għandhom jidħlu l-kliem "toroq prinċipali ta' santwarju ta' l-għasafar:" u minnufih wara dan għandu jidħol dan il-proviso ġdid li ġej:-

"Iżda wkoll il-Ministru jista', skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 9, b'avviż fil-Gazzetta, jawtorizza deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament dwar il-partiti (8) u (9) ta' l-Iskeda V li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, fl-interess tas-sigurtà ta' l-ajru. F'każijiet ta' emerġenza, il-Ministru jista' joħroġ l-awtorizzazzjoni mingħajr ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.".